# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
***CITTÀ FERDINAND***

## MINUTI

## SEDUTA NRU 278 – It-Tnejn 24 ta' Frar, 2013

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsilliera Mariette Borg
Il-Kunsillier Mario Cachia
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## ASSENTI SKUŻAT

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva komunikat mingħand Il-Kunsillier is-Sur Nicholas Cassar fejn talab li jiġi skużat minħabba raġunijiet familjari serji. Is-Sindku ippropona li din l-assenza għandha tkun aċċettata. Il-Kunsilliera Mariette Borg issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta nru. 277 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsilliera Mariette Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

### 2.1 Measure 313 – Salib tal-Għolja

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li t-talba mal- *Paying Agency* biex il-fondi ffrankati jintużaw biex jitranġaw il-ħitan tas-sejjiegħ kienet saret u kien għadu qed jistenna l-eżitu tagħha. Rigward is-sejħa għall-offerti, is-Sindku qal li kienu daħlu tliet offerti u

ippropona li jinħatar kumitat ta' aġudikazzjoni iffurmat minnu, mill-Viċi-Sindku u mill-Kunsillier Jesmond Tanti biex flimkien mal-Perit tal-proġett jeżamina l-offerti u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**2.2 Kuntratt dwar manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq**

Is-Sindku qal li din il-materja kienet ġiet diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun u għalhekk kien qed jipproponi li għandna ningħaqdu mar-Reġjun fil-ħruġ tal-offerti ta' dan il-kuntratt.
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**2.3 Kunsill taż-Żgħażagħ**

Is-Sindku introduċa lil xi membri tal-Kunsill taż-Żgħażagħ li kienu preżenti flimmien mas-Social Worker u ħeġġiġhom biex jinteressaw ruħhom mhux biss fix-xogħol tal-Kumitat tagħhom imma wkoll fix-xogħol tal-Kunsill. B'hekk ikabbru l-esperenza tagħhom fil-ħimda pubblika. Huwa kompla jgħid li se jsibu l-għajnuna neċessarja kollha kemm tal-kunsilliera kif ukoll tal-istaff tal-Kunsill.

**2.4 Pedestrian Crossing fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi**

Is-Sindku qal li kien se jitlob lill-Perit disinn ta' fejn l-arblu jista' jiġi mressaq.

# 3. FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti.

Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**3.2 Rapport Finanzjarju għas-sena 2013**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tal-Kontijiet Finanzjari għas-sena 2013. Is-Sindku stieden lill-*Accountant* tal-Kunsill, is-sur Pierre Mangion biex jagħti spjegazzjoni tal-kontijiet għas-sena finanzjarja 2013.

Is-sur Mangion qal li matul l-aħħar tnax-il xahar il-Kunsill daħħal €88,129 aktar milli nefaq. Madankollu l-*working capital*, huwa xorta ta' €-24,379. Dan hu titjib sostanzjali ta' €10,600 mqabbel mas-sena l-oħra meta l-*working capital* kien -€34,994.

Il-*working capital* negattiv ġej mill-fatt li fuq il-kotba hemm pendenti €26,159 li suppost iridu jitħallsu lil Waste Serv. Din hija d-differenza li għandna nagħtu lil Wasteserv minn dak li ningħataw fl-allokazzjoni. Jekk dawn jiġu mħallsin mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, kif ġara s-sena l-oħra, dawn jiġu riversjati. Hemm ukoll *short term deferred income* ta' €21,237 li ġejjin mill-*grants*. It-total ta' dawn huwa ta' €47,396.

Jekk tikkonsidra dawn iż-żewġ ammonti li huma *non-cash items,* minkejja li hemm *working capital* negattiv xorta waħda l-Kunsill jinsabu f'pożizzjoni likwida tajba u dan m'għandux jaffetwa l-operat tal-Kunsill.

Wara diskussjoni, is-Sindku ippropona li l-kontijiet għas-sena 2013 għandhom ikunu approvati. Il-Kunsilliera Mariette Borg issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 3.3 Estimi finanzjarji għas-Sena 2014

Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ħejjew l-estimi finanzjarji għas-sena 2014 li tagħhom poġġa kopja tagħhom fuq il-mejda, liema kopja qed tiġi annessa mal-minuti. Huwa qal li matul din is-sena hu mistenni li l-Kunsill idaħħal u jonfoq €741,000. Minn dawn €115,000 mistenni li jkunu f'infiq fi proġetti kapitali.

Huwa ippropona li dawn l-estimi jiġu aċċettati u l-infiq kapitali jsir hekk: €27,500 resurfacing ta' Pjazza Vittmi tal-Gwerra u €87,500 fi proġett ta' bankini f'toroq li jagħtu għall-Pjazza, liema proġett ikun mifrux fuq numru ta' snin.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 3.4 Estimi ta' spejjeż kapitali u patching għas-snin 2014-2017

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-estimi għall-proġetti kapitali u patching għas-snin 2014-2017.

Fl-erba' snin li ġejjin Huwa ippropona li jsir dan l-infiq kapitali:

| | |
|---|---|
| Patching | €115,000 |
| Resurfacing | €42,500 |
| Bankini | €250,000 |
| Proġetti speċjali oħrajn | €40,000 |

Huwa ippropona li l-Kunsill għandu jaċċetta dan il-pjan. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4. KUNTRATTI

### 4.1 Lcs 33/12 Service of Accountant

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-kuntratt għalqet l-ewwel sena tiegħu fl-10 ta' Jannar, 2014. Is-Sindku ippropona li dan il-kuntratt jiġġedded għat-tieni sena tiegħu. Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.2 Maintenance and construction of pavements

Is-Sindku ippropona li għandna noħorġu sejħa għall-offerti ta' dan il-kuntratt.
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5. HWEJJEĠ OHRA

**5.1 Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet Kulturali Memo 25/2013**

Is-Sindku qal li illum kien tħabbar li l-Kunsill ingħata s-somma ta' €2,000 għall-festa Għeneb. Dan meta s-sena l-oħra l-Kunsill kien ingħata €5,000. Din tpoġġi l-Kunsill f'qagħda diffiċli ħafna biex jorganizza din il-Festa. Għalhekk irid isir sforz biex jinstabu sponsors oħra.

**5.3 Għoti ta' Onorifiċenza Mertu Ġieh is-Siġġiewi**

Is-Sindku ippropona li jinħatar sotto-kumitat iffurmat minnu mill-Viċi Sindku u mill-Kunsillier Jesmond Tanti biex jilqa' u jagħżel nominazzjoni għal dan l-għoti.

Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar l-Erbgħa 26 ta' Marzu fis-7:00pm. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum l-Erbgħa, 26 ta' Marzu 2013.**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 3/2/14-24/2/14

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | siggiewi football club | 8000.00 | 8000.00 | d | pf | agreement for year 2014 | 25.2.14 | lcs13/10 | | | | 10072 |
| 2 | go | 34.94 | 34.94 | d | pf | adsl feb13 | 13.2.14 | 36777264 | | | | 10069 |
| 3 | go | 37.26 | 37.26 | d | pf | 21468874 jan14 | 13.2.14 | 36777264 | | | | 10069 |
| 4 | go | 79.06 | 79.06 | d | pf | 21466000/21466036 jan14 | 13.2.14 | 36777297 | | | | 10069 |
| 5 | go | 37.30 | 37.30 | d | pf | 21465799/21465805 jan14 | 13.2.14 | 36777319 | | | | 10069 |
| 6 | go | 16.54 | 16.54 | d | pf | 21462946 jan14 | 13.2.14 | 36777281 | | | | 10069 |
| 7 | melita | 12.74 | 12.74 | d | pf | tv feb14 | 1.2.14 | 35456848 | | | | 10068 |
| 8 | ronald bezzina | 2770.83 | 2770.83 | t | pf | sweeping january14 | 30.1.14 | 13 | | | | 10067 |
| 9 | perit steve scicluna | 950.00 | 950.00 | d | pf | perit outdoor gym | 29.9.13 | mis008 | | | | 10066 |
| 10 | foresight architectural services | 1003.00 | 1003.00 | t | pf | perit outdoor gym | 20.12.13 | mis009 | | | | 10071 |
| 11 | vodafone | 92.70 | 92.70 | d | pf | 99762218 jan14 | 1.2.14 | 3901620022014 | | | | 10065 |
| 12 | vodafone | 107.02 | 107.02 | d | pf | 99491670 jan14 | 1.2.14 | 3901619022014 | | | | 10065 |
| 13 | the ghana mission foundation | 450.00 | 450.00 | d | pf | 2 speakers for screens project | 2.1.14 | | | | | 10064 |
| 14 | n.baldacchino | 226.33 | 226.33 | d | pf | flight expenses brussels screens | 27.1.14 | qabhgy | | | | 10064 |
| 15 | n.baldacchino | 99.35 | 99.35 | d | pf | expenses screens brussels | 11.2.14 | | | | | 10064 |
| 16 | n.baldacchino | 20.00 | 20.00 | d | pf | expenses screens brussels transport | 11.2.14 | | | | | 10064 |
| 17 | n.baldacchino | 34.00 | 34.00 | d | pf | expenses screens brussels transport | 11.2.14 | | | | | 10064 |
| 18 | nexos | 2126.14 | 2126.14 | t | pf | street lighting repairs | 3.2.14 | 2010619 | | | | 10063 |
| 19 | waste collection ltd | 4252.72 | 4252.72 | t | pf | waste collection jan14 | 31.1.14 | 1 | | | | 10062 |
| 20 | access point ltd. | 306.80 | 306.80 | d | pf | it virtual pack feb14 | 3.2.14 | 4265 | | | | 10061 |
| | **Sub Total c/f** | **€20,656.73** | **€20,656.73** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€20,656.73** | **€20,656.73** | | | | | | | | | |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 279 tal-24/2/14**

Kunsillier Kunsillier

**Data:** **3/2/14-24/2/14**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | twanny zammit | 150.00 | 150.00 | d | pf | raggiera stainless steel san pawl | 3.2.14 | 166 | | | | 10060 |
| 22 | joseph sultana | 250.00 | 250.00 | d | pf | filming festa gheneb | 8.2.14 | 300 | | | | 10059 |
| 23 | techzone | 41.30 | 41.30 | d | pf | repair cctv | 16.1.14 | 3990 | | | | 10058 |
| 24 | klikk | 14.00 | 14.00 | d | pf | cables | 20.2.14 | 9812 | | | | 10057 |
| 25 | foresight architectural services | 1798.40 | 1798.40 | t | pf | perit lapsi public conveniences | 27.1.14 | mis002 | | | | 10056 |
| 26 | emanuel tanti | 180.00 | 180.00 | d | pf | hadid tiswija bandli lapsi | 12.2.14 | 82 | | | | 10070 |
| 27 | emanuel tanti | 400.00 | 400.00 | d | pf | bini ta' palk attivitajiet kunsill | 5.2.14 | 73 | | | | 10070 |
| 28 | guard & warden | 15.84 | 15.84 | d | pf | warden service 28/10/14 bypass | 31.01.14 | 458 | | | | 10055 |
| 29 | j.marmara | 40.00 | 40.00 | d | pf | gas cylinders x 2 | 13.2.14 | 1147 | | | | 10054 |
| 30 | ecopure | 4.25 | 4.25 | d | pf | water for dispenser | 11.2.14 | 565595 | | | | 10053 |
| 31 | smart office supplies | 104.87 | 104.87 | d | pf | statioenry | 19.2.14 | 2165 | | | | 10052 |
| 32 | steelstructures | 45000.00 | 45000.00 | t | pf | interim payment civic centre | | | | | | 10073 |
| 33 | | | | | | | | | | | | |
| 34 | | | | | | | | | | | | |
| 35 | | | | | | | | | | | | |
| 36 | | | | | | | | | | | | |
| 37 | | | | | | | | | | | | |
| 38 | | | | | | | | | | | | |
| 39 | | | | | | | | | | | | |
| 40 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€47,998.66** | **€47,998.66** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€20,656.73** | **€20,656.73** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€68,655.39** | **€68,655.39** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 279 tal-24/2/14**

Kunsillier

Kunsillier